# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’nhar il-Erbgha 30 ta’ Jannar 2002

Rikors numru 2321/98 AJM

Kawza numru

Konkors tal-kredituri tas-socjeta’ Euro Interconnection Limited.

Il-Qorti,

Rat ir-rikorsi pprezentati:-

a) Mill-Bank of Valletta Limited ghall-kreditu kontra s-socjeta’ Euro Intercontinental Ltd fis-somma ta’ LM14,512.50 rappresentanti bilanc fil-“Loan Account” taghha flimkien ma l-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Ottubru 1995.

b) Minn Cassar & Cooper Limited ghall-kreditu ta’ LM3000.16 oltre l-imghaxijiet u l-ispejjes kanonizzat b’sentenza tat-23 ta’ Gunju 1995 fil-kawza fl-ismijiet “Dottor Remigio Zammit Pace noe vs John Walter Goulding noe”.

c) Minn BAS Limited ghall-kreditu ta’ LM132.48 oltre l-imghaxijiet u spejjes kanonizzat b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta’ April 1999 fil-kawza fl-ismijiet “Dottor Remigio Zammit Pace noe vs John Walter Goulding noe”.

d) Minn cassar & Cooper Shipping & Insurance Limited ghall-kreditu fl-ammont ta'LM394.55 oltre l-imghaxijiet u l-ispejjes kanonizzat b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-25 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Remgio Zammit Pace noe vs John Walter Goulding nomine."

e) Minn HSBC Bank Malta Plc ghall-kreditu ta' LM51,686.9 in rifuzjoni ta;-flus avvanzati fuq loan account tal-kumpanija debitrici oltre l-imghaxijiet legali mit-23 ta' Marzu 1995 sad-data tal-pagament effettiv.

f) Mill-Malta Development Corporation ghall-kreditu ta' LM199,724 rappresentanti ammont bilancjali minn ammont akbar kanonizzat b'sentenza tal-Onor Qorti tal-Kummerc tas-26 ta' Mejju 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Patrick Staines nomine vs John Goulding et nomine".

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 2000 li permezz tieghu gie mahtur Dottor Louis Cassar Pullicino bhala espert legali biex jirrelata dwar it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat ir-rapport ta' l-istess espert mahluf fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbali ta' l-udjenzi tas-26 ta' Frar 2001 u 30 ta' April 2001 meta r-rikorrenti Bank of Valletta Limited u HSBC Bank Malta Plc irrimettew ruhhom ghar-rizultanzi tar-rapport peritali. Osservat ukoll li r-rikorrenti l-ohra ma dehrux fid-data meta kellhom jaghmlu s-sottomissjonijiet dwar ir-rapport peritali.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi processwali l-perit legali wasal ghal konkluzzjoni li l-krediti avvanzati kienu kollha dovuti. Wara li ghamel dan l-ezercizzjoni l-istess perit ezamina d-diversi privileggi li kienu jkopru dawn il-krediti ghall-fini tal-gradwatorja skond il-ligi.

Illi minn dan l-ezercizzjoni l-istess perit pprosegwa biex ghamelil-gradwazzjoni tal-krediti billi:-
Fl-ewwel gra kellhom jikunu l-ispejjes gudizzjarji sabiex inzamm il-konkors odjern.
Fit-tieni grad kellhom jikkonkorru l-HSBC Bank Malta Plc u l-Mlata Devlopment Corporation salv li kull ammont distribwit lil dawn iz-zewg kredituri ghandu jinqasam bejniethom fi kwoti rispettivi ta' erbgha minn sebgha partijiet lil HSBC Bank Malta Plc u tlett partijiet minn sebgha favur il-Malta Development Corpation u dana in forza ta' ftehim milhuq bejn l-istess kredituri.
Fit-tielet grad kellha tikkonkorri is-socjeta' Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited.
Fir-raba' grad ghandhom jikkonkorru is-socjetajiet BAS Limited u Cassar & Cooper Limited u dan pari passu.
Fil-hames grad ghandu jikkonkorri l-Bank of Valletta Plc.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat r-rapport tal-gharef perit u d-dokumenti ezebiti taqbel mal-konkluzzjonijiet fl-imsemmi rapport u ghalhekk taghmlu taghha.

Illi l-ammont depozitat ta' tmienja u ghoxrin elf disa' mija seba' u sebghin lira (LM28,977) permezz tac-cedola ta' depozitu numru 957/98 mhuwiex sufficjenti biex jkopri l-krediti kollha u ghalhekk dan l-ammont, wara li jithallsu l-ispejjes ta' dawn il-proceduri legali ghandu jigi imhallas lis-socjeta' HSBC Bank Malta Plc u lil Malta Development Corporation fil-proporzjoni ta' erbgha partijiet minn sebgha lill-HSBC Bank Malta Plc u tlett partijiet minn sebgha' lil Malta Development Corporation.

Onor Imhallef Albert J. Magri